# Il-Fond tal-President għall-Kreattività
# Linji Gwida u Regolamenti

Maħruġa: Ġunju 2025

## ALLOKAZZJONIJIET

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| €160,000 | €15,000 għal kull proġett<br>soġġett għad-disponibbiltà ta' fondi tal-gvern |

| KO-FINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri sa 80% tal-ispejjeż tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għota<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**TIMEFRAMES**

| DATA TA' SKADENZA | NOTIFIKAZZJONI | SKEDI TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 15 ta' Lulju 2025 | 11 ta' Settembru 2025 | 12 ta' Settembru 2025 – 11 ta' Settembru 2027 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Fond tal-President għall-Kreattività huwa wieħed minn serje t'inizjattivi mmirati biex isaħħu l-inklussività, l-iżvilupp tal-komunità, u l-benessri permezz tal-parteċipazzjoni kulturali u l-espressjoni kulturali billi jappoġġjaw proġetti u programmi. Il-Fond jifforma parti minn portafoll divers ta' skemi u inizjattivi mmirati biex jimmassimizzaw il-potenzjali tat-tkabbir kreattiv ta' Malta billi jinkoraġġixxu involviment fis-setturi kulturali, jiffaċilitaw l-iskambju kulturali, u jkunu l-vuċi ta' drittijiet kulturali. L-applikazzjonijiet jistgħu jitolbu appoġġ għal inizjattiva pilota, jew għall-iżvilupp t'inizjattiva li l-organizzazzjoni diġà wettqet b'suċċess.

Il-potenzjal tal-espressjoni kreattiva għat-trawwim ta' bidla soċjali u kulturali u riġenerazzjoni ġiet murija u ppruvata f'numru ta' kuntesti, inkluż dawk karatterizzati minn ambjenti soċjalment ta' sfida, ta' faqar, u t'esklużjoni. Dan il-fehim huwa l-bażi għall-Fond tal-President għall-Kreattività.

Il-fond jipprovdi rikonoxximent u appoġġ fl-ogħla livell tal-istat għal inizjattivi eċċitanti mibnija fuq il-valuri tal-ekwità, id-diversità, l-inklussività, u s-sostenibbiltà fis-settur tal-kultura u l-arti, u fis-settur soċjali, rispettivament—speċjalment lil dawk li jaħdmu ma' gruppi żvantaġġati sabiex jinvolvu lil dawn il-gruppi f'proġetti xprunati mill-arti u l-kreattività u sabiex iżidu l-livell t'integrazzjoni u involviment fis-soċjetà.

Il-Fond tal-President għall-Kreattività huwa marbut mal-implimentazzjoni tal-istrateġija attwali tal-Kunsill Malti għall-Arti—b'fok partikolari fuq il-promozzjoni tad-drittijiet kulturali u l-provvista ta' aktar opportunitajiet għal nies biex jinvolvu ruħhom fl-espressjoni kreattiva.

Il-Fond hu speċifikament marbut mal-prijoritajiet importanti artikolati fl-istrateġija attwali tal-Kunsill, u cioè, li jinvesti f':

- Firxa usa' ta' xogħol ta' kwalità li jispira l-iskambju kulturali komunitarju u li jinvolvi firxa aktar wiesa' ta nies—sija bħala parteċipanti u sija bħala udjenza;
- Artisti u organizzazzjonijiet li jippromwovu d-diversità kulturali u jindirizzaw l-inklużjoni kulturali u l-aċċessibbiltà;
- Promozzjoni tad-drittijiet kulturali.

Il-fond jifforma parti minn programmi ta' finanzjament għall-iskambju komunitarju, bl-għan li jinvestu f':

- Żieda f'parteċipazzjoni kulturali madwar Malta u Għawdex;
- Fehim u involviment aħjar bejn l-artisti u l-komunitajiet;
- Aktar diversità fil-programmar kulturali;
- Aktar importanza mogħtija lil kultura li hi ferm aktar rappreżentattivia tas-soċjetà Maltija in ġenerali;
- Żvilupp sostenibbli.

Il-Fond tal-President għall-Kreattività jimmira li:

- Jappoġġja organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet li jimmiraw fuq il-bżonnijiet soċjali u l-benessri tal-komunità, speċjalment gruppi żvantaġġati u diffiċli biex jintlaħqu—b'enfasi speċjali fuq it-tfal, iż-żgħażagħ, ċittadini anzjani, nies b'diżabbiltà, u nies ġejjin minn sfondi etniċi differenti—permezz ta' parteċipazzjoni kulturali u espressjoni kreattiva.
- Jipprovdi gruppi żvantaġġati b'aċċessibbiltà għal firxa wiesa' ta' esperjenzi ta' arti ta' kwalità u attivitajiet li jinvolvuhom fl-arti, kif ukoll li jservi ta' pjattaforma għal talent żagħżugħ b'potentzjal, kif ukoll għal djalogu interġenerazzjonali u interkulturali.
- Jinċentiva l-kontribuzzjoni t'organizzazzjonijiet attivi fis-settur tal-arti u l-kultura lejn żvilupp komunitarju u proġetti t'arti kollaborattiva.

Il-fond jipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti, programmi, u prattiċi kollaborattivi ddisinjati sabiex irawwmu d-diversità, l-ewkità, l-inklużjoni, is-sens ta' appertenenza, il-benessri, u r-riġenerazzjoni—permzz tal-involviment kulturali. Dan jinvesti f'kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet attivi fis-settur kulturali u kreattiv u fil-qasam tal-iżvilupp soċjali u komunitarju. L-appikazzjoni trid turi biċ-ċar il-benefiċċji tal-proġett għall-komunità.

L-imsieħeb ewlieni jista' jikkollabora ma' organizzazzjoni waħda jew aktar u/jew ma' prattikanti/I sabiex jiżviluppa proġett, programm, jew prattika ta' arti komunitarja li twaħħad l-ogħla standards ta' kwalità u prattiċi tajba—sija mill-perspettiva artistika u sija mill-perspettiva soċjali.

F'konformità mal-Istrateġija 2025, u mal-impenn tal-KMA biex jappoġġja l-arti, sabiex jiġi adottat approċċ sostenibbli u kontabbli għal investiment pubbliku:

L-applikanti huma inkoraġġuti li jagħtu kunsiderazzjoni xierqa, skont il-bżonn, lill-prinċipji spjegati fir-Right to Culture – Resource Pack, partikolarment fir-rigward tal-involviment komunitarju u l-adozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fix-xogħol tagħhom. Dan il-pakkett ta' riżorsi huwa mmirat li jżid għarfien fir-rigward tal-inklussività, u lejn l-appoġġjar tal-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika ta' kuljum.

L-applikanti huma mistennija wkoll li jikkunsidraw il-Karta tal-Istatus tal-Artist sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol aċċettabbli u diċenti għall-artisti, u li jabbraċċaw libertà artistika, aċċessibbiltà, rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjoekonomiċi diċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, kunsiderazzjonijiet etiċi, u aderenza ma' drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll ma' liġijiet ta' impjieg internazzjonali. Il-Karta tal-Istatus tal-Artist tipprovdi qafas ta' referenza dinamiku għal leġiżlazzjoni, politiki, jew inizjattivi li direttament jew indirettament jimpattaw l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, biex b'hekk tiżgura li kwalunkwe azzjoni hija allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul, u cioè dik li jiġi elevat l-istatus tal-artisti u ħaddiema kulturali f'Malta f'konformità mal-valur tagħhom għas-soċjetà.

*Il-Fond tal-President għall-Kreattività huwa ġestit b'mod konġunt mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika u l-Kunsill Malti għall-Arti.*

# 2. Definizzjonijiet

## Attivitajiet li jaqgħu fi ħdan is-settur kulturali u kreattiv

1. Arti (letteratura, arti viżiva, mużika, arti performattiva, interdixxiplinarja)
2. Servizzi ta' Negozji Kreattivi (disinn, arkitettura, turiżmu kulturali, u servizzi kulturali)
3. Wirt (snajja, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikatijiet)
4. Midja (ippubblikar u materjal stampat, awdjoviżwali, inkluż films u produzzjoni tal-vidjos, servizzjar ta' films, televiżjoni, logħob elettroniku, radju, midja online)

## Applikant

Applikant huwa organizzazzjoni, entità, jew istituzzjoni, sija pubblika, sija non-governattiva, u sija privata. Applikazzjonijiet m'għandhomx jiġu sottomessi minn individwi f'isimhom. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Uffiċċju tal-President jew involuti fil-ġestjoni tal-Fond.

## Applikazzjoni

Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni, imressqa minn applikant eliġibbli.

## Benefiċjarju

Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Fond. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f'isem il-benfiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għalhekk ma għandux numru tal-VAT irreġistrat, dan għandu d-dmir li jaċċerta li jitlob irċevuta fiskali għall-prodotti u s-servizzi li rċieva.

## Kollaborazzjoni

Fil-kuntest ta' arti li tinvolvi l-komunità, il-kollaborazzjoni tirreferi għal proċess li jinvolvi l-komunità li jirrelata għall-espressjoni u esperjenza kreattiva li tinvolvi kemm prattikanti professjonali kreattivi u istituzzjonijiet soċjali, gruppi grassroots, jew individwi. Din hija mmirata li tippromwovi, tiffaċilita, u tappoġġja parteċipazzjoni sinifikanti u espressjoni kreattiva, u b'hekk trawwem għarfien ikbar u fehim ta' narrattivi diversi—u fl-istess waqt tirrikonoxxi l-opportunitajiet u sfidi ppreżentati minn punti di vista u ilħna alternattivi. Hija għandha l-għan li tarrikixxi l-esperjenza tal-parteċipanti kollha billi tipprovdi pjattaforma miftuħa għall-inklużjoni radikali, awtentiċità, u ħsieb kritiku, u b'hekk tiffaċilita l-iskambju tal-idea, għarfien, u prattiċi. Il-kollaborazzjoni tgħin għar-realizzazzjoni tal-kultura u tixpruna l-poter tal-arti u l-kultura.

## Koperattivi

Koperattivi jridu jkunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar informazzjoni żur https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi/.

## Prattikanti kreattivi

Kull individwu artistiku u kreattiv attiv fis-setturi kulturali u kreattivi.

## Żborż tal-Fondi

Din l-għotja se tiġi żborżjata kif muri f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Pagament permezz ta' ċekk se jiġi maħruġ f'isem l-aplikant. L-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv meta jressaq l-applikazzjoni.

## Diversità

Differenzi individwali f'termini ta' età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, lingwa, u sfond soċjoekonomiku fir-rigward ta' komunitajiet, kreattivi, u udjenzi.

## Eliġibbiltà

Qabelxejn, isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-Fond. Applikazzjonijiet li ma jinstabux eliġibbli ai termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati u mhux ħa jiġu evalwati.

## Komunità

Grupp ta' nies li jħaddnu l-istess valuri, identitajiet, jew prattiċi.

## Medjatur kulturali

Fil-kuntest ta' migrazzjoni, professjonist li jiffaċilita l-komunikazzjoni (inkluż interpretazzjoni) bejn nies li jitkellmu lingwi differenti jew li ġejjin minn sfondi kulturali differenti.

## Evalwazzjoni

L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Bord t'Evalwazzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti, f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-President, jaħtar tim t'evalwazzjoni għal kull sejħa taħt tan il-Fond—magħżul mill-grupp t'evalwaturi tal-Kunsill Malti għall-Arti. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jaħtar kemm professjonisti lokali u barranin fis-settur tal-kultura u tal-arti.

## Edukazzjoni formali

Edukazzjoni formali tinkludi edukazzjoni primarja, sekondarja tal-ewwel livell u ta' livell superjuri, post-sekondarja, u terzjarja li twassal għal ċertifikazzjoni rikonoxxuta, grad, diploma, jew kwalifikazzjonijiet professjonali.

## Edukazzjoni informali

Edukazzjoni informali tkopri fiha kwalunkwe programmi ta' formazzjoni li jsiru lil hinn mill-kurrikulu strutturat. Dan jista' jseħħ fi ħdan istituzzjonijiet edukattivi formali bħal skejjel jew istituzzjonijiet oħra bħal mużewijiet.

## Fond (il-)

Il-Fond tal-President għall-Kreattività

## Grupp

Għadd ta' persuni b'personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jiffurmaw grupp. Waħda mill-persuni involuti trid tieħu r-rwol tat-tmexxija u jkollha r-responsabbiltà legali prinċipali mill-ġestjoni tal-proġett u tal-għotja. Din il-persuna għandha tkun ċittadina Maltija jew ikollha permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Individwu

L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Ġestjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' dan il-Fond b'mod konġunt, u b'konsultazzjoni ma', l-Uffiċċju tal-Presidenza. Kwalunkwe korrispondenza uffiċjali, inkluż is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tiġi mibgħutha fuq l-indirizz indikat f'dawn il-linji gwida u regolamenti.

## Dokumentazzjoni mandatorja

Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġja(w) il-proposta tiegħek u jgħin(u) l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (e.ż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn).

## Finanzjament massimu

Hemm ammont massimu ta' €15,000 li jista' jiġi allokat għal kull proġett. L-ammonti mogħtija jkunu deċiżi fuq bażi ta' kunsiderazzjoni individwali.

## Prattika tal-arti parteċipatorja

Prattika tal-arti li fiha l-prattikant jiffaċilita proċess kreattiv wieħed jew aktar ma' numru ta' parteċipanti.

## Arti ta' kwalità

Arti xprunata mill-eċċellenza. Fl-arti komunitarja, l-enfasi ewlieni jaqa' fuq il-kwalità tal-proċess kreattiv parteċipatorju, b'kunsiderazzjoni xierqa mogħtija għall-kwalità tal-eżitu—xi ħaġa li trawwem passjoni għall-espressjoni kulturali u l-parteċipazzjoni kulturali u li tikkontribwixxi għal żieda fil-benessri.

## Entitajiet reġistrati

Entità legali stabbilita u rreġistrata f'Malta. Entitajiet reġistrati jridu jkunu rreġistrati mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att tal-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' fondazzjoni jew organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## Awtosostenibbiltà

Tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li jista' jkun, fil-qasir jew fit-tul, irendu lilhom infushom finanzjarjament sostenibbli; i.e. jistgħu jiġu implimentati mingħajr bżonn ta' investiment pubbliku. Is-sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista' tirriżulta mill-kontribuzzjoni, parteċipazzjoni, jew investiment ta' partijiet terzi fil-prodotti jew servizzi li qed jiġu offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

## Impriża unika

Tfisser li kull impriża għandha tal-anqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet li ġejjin flimkien:

a. Impriża li għandha l-maġġoranza tad-dritt tal-vot tal-azzjonijisti jew tal-membri f'impriża oħra;

b. Impriża li għandha dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-amministrattiv, tal-maniġment, jew ta' korp ta' superviżjoni ta' impriża oħra;

c. Impriża li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra, skont il-kuntratt fis-seħħ ma' dik l-impriża jew skont il-proviżjoni fil-memorandum jew artikli t'assoċjazzjoni;

d. Impriża li hija azzjonista jew membru f'impriża oħra, li tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri oħra ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew membri ta' dik l-impriża.

Impriżi li għandhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet riferuti f'punti (a) sa (d) f'impriża waħda jew iktar se jiġu meqjusa bħala impriża unika.

Impriża

Impriża hija defenita bħala entità involuta f'attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività konsistenti fil-proviżjoni ta' oġġetti u servizzi għas-suq), irrespettivament mill-istatus legali u l-mod kif din tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjonijiet tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma tiddependix fuq jekk din l-entità hux stabbilita biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma jagħmlux profitti jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi għas-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet li ma jagħmlux profitt jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-għajnuna tal-istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiġi meqjusa biss bħala impriża fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-attivitajiet.

Organizzazzjoni volontarja

Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant legalment awtorizzat tal-organizzazzjoni.

# 3. Eliġibbiltà

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli ai termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

**L-iskeda ta' żmien minima biex jitwettaq proġett**: 12-il xahar.
**L-iskeda ta' żmien massimu biex jitwettaq proġett**: 24 xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-applikanti jridu jkunu jaħdmu fil-qasam tal-iżvilupp soċjali u komunitarju, jew attivi fil-qasam kulturali u kreattiv sabiex ikunu elġibbli. Il-proġett irid jolqot il-bżonnijiet ta' gruppi żvantaġġati permezz l-arti, l-espressjoni kreattiva, u l-parteċipazzjoni kulturali.

Il-Fond joffri żewġ għażliet: għażla tal-għajnuna tal-istat u għażla mingħajr l-għajnuna tal-istat. L-għażla tal-għajnuna tal-istat hija disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU, għal-liema se tingħata assistentza f'konformità mar-regolament de minimis. L-għażla t'għajnuna mhux tal-istat hija disponibbli għal dawk l-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU, kif ukoll għal proġetti proposti li ma jkunux jinvolvu tali attività ekonomika. Jekk jogħġbok irreferi għal Sezzjoni 9 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti għal aktar informazzjoni.

Barra minn hekk, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala wieħed minn dawn li ġejjin:

- Entitajiet reġistrati mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta (inkluż kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Gruppi, kollettivi, konsorzji;
- Koperattivi reġistrati;
- Istituzzjoni edukattiva li toffri edukazzjoni formali u informali;
- Istituzzjonijiet pubbliċi;
- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

***Professjonisti kreattivi individwali mhumiex eliġibbli biex japplikaw.***

Ir-rappreżentanti tal-applikant iridu jkunu ċittadini Maltin; jew f'pussess ta' permess tar-residenza ta' Malta; jew ta' ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija; jew ta' passaport Malti.

Il-Fond jappoġġja żvilupp t'organizzazzjonijiet u kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-arti u l-kultura, u organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-iżvilupp soċjali u komunitarju.

L-applikant irid jikkollabora m'organizzazzjoni oħra jew m'individwu sabiex jiżviluppa proġett jew programm tal-arti komunitarja u jiżgura li t-twettiq professjonali tal-proġett jiġi mantnut kemm mill-aspett ta' perspettiva ta' kwalità artistika kif ukoll ai termini tal-kura u l-attenzjoni li jirrikjedu l-parteċipanti identifikati. L-applikazzjoni se turi biċ-ċar il-benefiċċji ta' dan il-proġett lill-komunità.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom mhux verifikat, minħabba li l-profil tagħhom mhux komplut abbażi ta' raġunijiet li jappartjenu man-nuqqas tad-dokumentazzjoni mandatorja li ġejja:
  - kopja tal-ID card tiegħek Maltija (inkluż in-naħa ta' quddiem u ta' wara) jew tal-permess ta' residenza Maltija jew taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew tal-passaport Malti;
  - statut iffirmat f'każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' applikant għal dan il-Fond speċifiku.
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti;
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma lestewx rapport finali relatat ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fl-iskadenzi ta' żmien stabbilit;
- Applikanti individwali;
- F'każ ta' entitajiet reġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali neċessarja lir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta;
- F'każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji:
  - Li mhux iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - Li għadhom ma ppreżentawx kontijiet aġġornati lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - Li m'għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.

## 3.3 Liem spejjeż jistgħu jiġu koperti[1]

Il-Fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż eliġibbli (sa massimu ta' €15,000 għal kull proġett, skont liem ikun l-inqas) relatati mal-proġett tiegħek. L-ispejjeż eliġibbli huma dawk strettament relatati mal-proġett u l-ġestjoni u l-promozzjoni tiegħu, dejjem jekk dawn huma inklużi fil-baġit sottomess mill-applikanti, spjegati b'mod ċar, identifikati, appoġġjati, u vverifikati minn dokumentazzjoni u kwotazzjonijiet ta' sostenn rispettivi.

Dawn jinkludu spejjeż diretti relatati mal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett, kif ukoll spejjeż indiretti li huma parti mill-ispejjeż amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju iżda li jistgħu jiġu eżiġibbli lill-proġett.

Spejjeż eliġibbli jinkludu dawn li ġejjin, skont kif inhu applikabbli:

- Miżati tal-artisti (il-proposta trid turi b'mod ċar kif dawn il-miżati jiġu kkalkulati f'termini ta' rati, numru ta' sigħat, eċċ.);
- Kontinġenza, li ma teċċedix aktar minn 10% tal-ispiża totali;
- Abbonamenti, parteċipazzjoni, jew sottoskrizzjonijiet għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra;
- Miżuri ta' saħħa u sigurtà;
- Kiri/xiri ta' tagħmir (xiri ta' tagħmir se jiġi kkunsidrat skont il-bżonnijiet tal-proġett);
- Spejjeż indiretti li ma jeċċedux 5% tal-ispiża totali (Eżempju – servizzjar: elettriku, ilma, tindif; telefonija / fax / konnessjonijiet tal-internet; posta u impustar; karti, linka / cartridge, kartolerija, eċċ.);
- Assigurazzjoni;
- Legali;
- Servizzi lingwistiċi: interpretazzjoni (inkluż, iżda mhux limitat għal: lingwa tas-sinjali, konversjoni minn diskors għall-kitba), traduzzjoni (inkluż, iżda mhux limitata għal: braille u surtitling), qari tal-provi, editjar;
- Miżati oħra relatati direttament mal-implimentazzjoni tal-proġett (inkluż, iżda mhux limitati għal, forniment ta' servizzi);
- Spejjeż ta' produzzjoni;
- Ġestjoni tal-proġett (inkluż, iżda mhux limitata għal, amministrazzjoni, koordinazzjoni, u żvilupp);
- Kiri ta' spazji;
- Reklamar, PR, komunikazzjoni (inkluż produzzjoni ta' feature clips, muntaġġi, disseminazzjoni, u interazzjoni ma' komunitajiet diversi);
- Akkomadazzjoni standard;
- Vjaġġar (klassi ekonomika) inkluż, iżda mhux limitata għal, trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, u kiri ta' karozza/vettura);
- Visa għall-ivvjaġġar.

[1] Dawn l-ispejjeż se jiġu meqjusa biss ġaladarba dawn ir-riżorsi mhux diġà kopruti minn/ma jistgħux jiġu kopruti mill-applikanti jew mill-organizzazzjonijiet t'appoġġ/imsieħba.

## 3.4 Liem spejjeż ma jistgħux jiġu koperti

L-ispejjeż li ġejjin mhumiex eliġibbli taħt dan il-Fond:

- Spejjeż ibbaġitjati li jeċċedu l-ammont allokat lill-proġett;
- Spejjeż diġà kopruti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi, jew minn programm/skema ta' finanzjament pubblika oħra ġestita jew ko-ġestita mill-Kunsill Malti għall-Arti jew aġenziji pubbliċi oħra, dipartimenti jew ministeri tal-gvern;
- Spejjeż li diġà huma kopruti minn baġits operazzjonali diġà fis-seħħ (spazju li diġà huwa fil-pussess tal-applikant jew l-imsieħeb/organizzazzjoni t'appoġġ/individwu);
- Dejn u spejjeż tas-servizzi tad-dejn;
- Djun dubjużi;
- Telf fi skambji;
- Spejjeż meqjusa bħala eċċessivi jew bla rażan;
- Spejjeż li ma jseħħux matul iż-żmien tal-iskadenza tal-proġett hekk kif stipulat fil-ftehim;
- Miżati għal servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi jew aġenziji pubbliċi oħra, dipartimenti jew ministeri tal-gvern;
- Finanzjament għall-ħolqien jew il-manteniment ta' boroż, kuntesti, kompetizzjonijiet, premjijiet, jew boroż ta' studju;
- Jekk applikabbli, VAT rifondibbli;
- Interessi dovuti;
- Proviżjoni għal telf jew djun;
- Rimborż ta' salarji, jew parti minnhom;
- Spejjeż retroattivi;
- Għajxien, catering, u ospitalità.

Għal aktar informazzjoni fuq kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali tal-Baġit disponibbli fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.5 X'qiegħed ifittex il-Fond?

Il-potenzjal tal-arti u l-kreattività sabiex irawwmu bidla u riġenerazzjoni soċjali u kulturali se tkun indirizzata permezz tal-parteċipazzjoni diretta ta' membri minn gruppi żvantaġġati fil-proċess artistiku u kreattiv tal-proġett.

### 3.5.1 Tema: Kultura ta' Kura

Kuntest:

Aħna qed ngħixu fi żminijiet straordinarji ta' realtajiet jinbidlu malajr: soċjali, ekonomiċi, ambjentali, u kulturali. Aħna qed nesperjenzaw spazju vojt profond għal trasformazzjoni strutturali f'prattikament kwalunkwe qasam ta' ħajjitna. Dawn huma żminijiet eċċitanti u ta' sfida għar-rimaġinazzjoni u l-ħolqien mill-ġdid ta' futuri differenti, ispirati minn Kultura ta' Kura. Il-poter kreattiv tal-kultura u l-arti, hekk kif imsejjes fid-drittijiet kulturali, għandu ħafna x'jikkontribwixxi lil dawn il-proċessi fost is-setturi kollha.

Agħmilha sseħħ:

L-involviment f'Kultura ta' Kura mhijiex issa imperattiv morali iżda prijorità strateġika riflessa f'prijoritajiet nazzjonali kulturali. Dan huwa moviment strateġiku lejn il-bini ta' komunitajiet aktar ekwitabbli, reżiljenti, u sostenibbli. Kultura ta' Kura tirrelata wkoll mal-etika, il-politika, u l-ekonomija tal-kura, u tikkontribwixxi direttament għall-benessri u l-koeżjoni soċjali. Il-benefiċċji u l-possibbiltajiet ta' dan il-moviment huma bla limiti daqskemm huma urġenti.

Finalment, Kultura ta' Kura taffettwa lil kulħadd. Din issawwar il-ħajja ta' kuljum tagħna, l-influwenzi, l-istrutturi soċjali, u għandha impatt profond fuq is-saħħa u l-benessri tagħna. Meta wieħed iqis li l-kriżijiet kollha huma essenzjalment kriżijiet ta' kura, sabiex wieħed jindirizzahom hemm bżonn ta' bidla maħsuba fil-kultura tagħna, imsejsa fuq inizjattivi kreattivi, parteċipatorji, u mmexxija mill-komunità.

F'dan ir-rigward, il-Fond tal-President għall-Kreattività attivament jirrikonoxxi u jappoġġja prattiċi tajba fl-intersezzjoni tal-Arti, il-Kultura, u l-Benessri. Dan jidentifika oqsma li huma aċċana għal żvilupp t'ideat kbar u prattiċi tajba għall-kura tan-nies u tal-pjanet. Dawn l-oqsma joffru spazju bla limitu għall-iskambju ta' narrattivi, u jmorru lil hinn miż-żoni ta' konfort, jesperimentaw, u jagħmlu l-affarijiet mod ieħor. Dawn li ġejjin huma xi wħud minnhom:

Ġenerali:

- Involviment kreattiv bħala mġieba ta' saħħa
- Preskrizzjoni soċjali
- Intersezzjonalità
- Terapija tal-arti
- Żvilupp tas-saħħa
- Saħħa u benessri pubblika
- Kultura demokratika, spazji u riżorsi komuni
- Intraprenditorija soċjali
- Iffaċilitar tal-aċċessibbiltà
- Trasferibbiltà ta' prattiċi tajba
- Involviment trans-settorjali, qsim t'għarfien
- Trasferibbiltà ta' prattiċi tajba

Fok tematiku

- Arti u kultura f'kuntesti kliniċi
- Indirizzar ta' iżolament u saħħa mentali
- Inkubaturi t'arti komunitarja, ko-kreazzjoni, kura relazzjonali
- Saħħa u benessri ambjentali
- Bidla fil-klima u sostenibbiltà
- Infrastruttura u teknoloġija tal-kura
- Konnessjoni umana bbażata fl-arti u ġestjoni ta' kunflitt
- Ġustizzja ambjentali
- Artiviżmu u solidarjetà
- Konnessjoni umana, żvilupp komunitarju, u l-benessri
- Prattiċi olistiċi, bini ta' kapaċità, edukazzjoni, riċerka soċjali
- Etika, ġustizzja soċjali, ekwità, rappreżentattività, u drittijiet kulturali
- Responsbbiltà kollettiva u l-ġid komuni

- Stewardship

Fok settorjali
- Is-saħħa mentali taż-żgħażagħ
- Tixjiħ kreattiv
- Drittijiet ta' diżabbiltà u kura
- Bilanċ ta' xogħol u ħajja, u l-benessri tal-familja
- Kura u migrazzjoni
- Kura għal dawk li jagħtu l-kura
- Rikonoxximent, valutazzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol
  - fis-settur kulturali u kreattiv
  - fis-settur tal-kura
- Kura għall-prattikanti fl-arti u l-kultura

## 3.6 Liem applikazzjonijiet mhux eliġibbli?

Dawn l-applikazzjonijiet li ġejjin **mhux** eliġibbli taħt dan il-Fond:

- Attivitajiet li huma intrinsikament awto-sostenibbli;
- Attivitajiet li mhux relatati mal-kultura, l -arti, u l-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li għandhom għan ta' ġbir ta' flus jew ta' propoganda politika;
- Applikazzjonijiet biex jiġi ffinanzjat il-ħolqien jew iż-żamma ta' kuntesti, kompetizzjonijiet, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studji;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Spejjeż għal attivitajiet u festivitajiet tradizzjonali.
- Avvenimenti miżmuma fuq bażi regolari, inkluż proġetti annwali, festivals annwali, prestazzjonijiet annwali jew ta' skejjel, programmi ta' taħriġ regolari;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti (irreferi għal-lista ta' kontroll f'Sezzjoni 5.1);
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukazzjonali, jew riċerka bħala parti minn programm akkademiku stabbilit;
- Inizjattivi eliġibbli taħt il-kappa ta' Festivals Malta, l-Iskema ta' Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Valletta Cultural Agency, Malta Arts Scholarships, jew kwalunkwe programm iffinanzjat mill-istat ieħor iddedikat għall-arti/kultura Maltija
- Proġetti li jkunu diġà mibdija u/jew li seħħew qabel ir-riżultat ġie nnotifikat lill-applikant(i);
- Proġetti li t-tul tagħhom ma jinkwadrax totalment fl-ambitu tal-iskeda ta' żmien eliġibbli.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu ta' dan il-Fond mhijiex eliġibbli għall-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt din is-sejħa. Madankollu, applikazzjoni waħda biss mill-applikazzjonijiet sottomessi tista' tiġi ffinanzjata f'kull sessjoni. L-applikanti jistgħu jibbenefikaw minn applikazzjoni ffinanzjata waħda biss matul sena kalendarja.

# 4. Kriterji t'evalwazzjoni

Il-Bord t'Evalwazzjoni se jibbaża d-deċiżjoni tiegħi abbażi ta' dawn il-kriterji segwenti:

## L-1 Kriterju – Żvilupp komunitarju u benessri sostenibbli (25 marka)

Sa liema estent il-proġett se jrawwem id-diversità, l-ekwità, l-inklużjoni, is-sens ta' appartenenza, il-benessri, u r-riġenerazzjoni—permezz tal-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali. (Jekk jogħġbok spjega kif il-proposta tagħti kunsiderazzjoni xierqa, skont il-bżonn, lill-prinċipji spjegati fir-*Right to Culture – Resource Pack* u lill-prinċipji elenkati fil-Karta tal-Istatus tal-Artist, kif spjegat fl-1 Sezzjoni ta' dawn il-linji gwida u regolamenti). Sabiex tagħmel il-każ tiegħek ai termini tal-1 Kriterju, int mitlub li:

a. Tidentifika bżonnijiet komunitarji speċifiċi li l-applikazzjoni tiegħek tindirizza
b. Tispjega l-proċess kreattiv parteċipatorju li qed tipproponi, flimkien mar-razzjonal u għanijiet sottostanti
c. Tispjega l-kontribuzzjoni mistennija tal-proġett/programm/prattika sabiex jispira u jiffaċilita l-iżvilupp komunitarju sostenibbli
d. Tagħti sommarju ta' xogħol preċedenti li l-applikazzjoni tibni fuqu, skont il-bżonn
e. Tipprovdi pjan ta' żvilupp għall-inizjattivi speċifiċi li qed jiġu żviluppati, skont kif applikabbli

## It-2 Kriterju – It-tisħiħ tal-involviment kulturali (25 marka)

Sa liema estent il-proġett tiegħek iservi ta' vuċi għad-dritt tal-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali. Sabiex tagħmel il-każ tiegħek ai termini ta' dan il-kriterju, int mitlub li:

a. Tispjega l-kontribuzzjoni tal-proġett lejn it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati f'involviment awtentiku u rigoruż kulturali
b. Tipprovdi stampa ċara tal-firxa t'esperjenzi artistiċi u kulturali li l-proġett qed jipproponi

## It-3 Kriterju – Il-kwalità tal-proġett (25 marka)

Sabiex tagħmel il-każ tiegħek ai termini ta' dan il-kriterju, int mitlub li:

a. Telabora fuq il-proċess kreattiv parteċipatorju
b. Tipprovdi CVs/noti bijografiċi tal-membri proposti tat-tim tal-proġett u tal-kollaburaturi (skont kif applikabbli)
c. Tipprovdi pjan ta' disseminazzjoni effettiv

## Ir-4 Kriterju – Ġestjoni tal-proġett (25 marka)

Sabiex tagħmel il-każ tiegħek ai termini ta' dan il-kriterju, int mitlub li:

a. Tipprovdi pjan ta' proġett maħsub sew u artikolat b'mod ċar
b. Tipprovdi skadenzi ta' żmien realistiċi
c. Tipprovdi baġit tal-proġett realistiku, u tispjega l-isforzi sabiex takkwista fondi minn sorsi oħra
d. Telabora fuq is-sostenibbiltà tal-pjan lil hinn mill-perjodu tal-għotja

# 5. Sottomisjoni tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn dan il-Fond.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA min tal-inqas gimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti Finanzjament qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti għandu d-diskrezzjoni esklussiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jinkludu:

- Kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tal-VAT;
- L-aktar Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Standard Tajjeb riċenti, f'każ t'Entità Reġistrata. Dan id-dokument jiġi mġedded kull sena mir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta u huwa prova ta' konformità.
- Ittra t'intenzjoni ffirmata mill-imsieħeb/imsieħba relevanti li tiddikjara disponibbiltà u I mpenn għall-proġett propost;
- Statut iffirmat f'każ ta' Organizzazzjoni Volontarja;
- Pjan ta' sostenibbiltà lil hinn mill-perjodu t'għotja;
- Bijografija/CV artistika tal-applikant u l-kollaboratur(i) ewlieni għandhom jiġu inklużi fis-sezzjoni tal-profil;
- Pjanijiet dettaljati tad-disseminazzjoni u l-komunikazzjoni
- Evidenza t'appoġġ relevanti tal-qafas legali tal-entità jew entitajiet li qed tapplika/japplikaw;
- Fir-rigward ta' inizjattivi li diġà kienu implimentati b'suċċess, sommarju tal-inizjattivi speċifika (inkluż dokumentazzjoni, links, u materjali relevanti).

# 6. Proċess t'evalwazzjoni

Dan il-fond hu kompetittiv u l-proposti se jiġu evalwati minn panel ta' esperti settorjali, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju hu allokat numru speċifiku ta' marki. Biex proġett jiġi kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jikseb minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta' 60 marka jew aktar ma jfissirx li l-proposta tal-proġett tiegħek se tiġi ffinanzjata awtomatikament. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proposti mressqa ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni kompost minn evalwaturi indipendenti. Il-Kunsill Malti għall-Arti jagħżel evalwaturi mill-grupp ta' evalwaturi tal-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija l-fondi. Sessjoni ta' promozzjoni se tinżamm għal kull kandidat.

## 6.1 Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2, għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, se nehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti magħżula; fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati.

Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers, u l-evalwaturi tal-iskema titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-dejta għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja..

# 7. Implimentazzjoni tal-proġett u moniteraġġ

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu dokumentazzjoni sħiħa biex isostnu l-applikazzjoni u l-pjan baġitarju fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifikazzjoni. Il-Kunsill jaċċetta sa varjazzjoni ta' 5% mill-ispejjeż totali proposti. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-ispejjeż totali proposti. Il-Kunsill, taħt ebda ċirkustanza, mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija.

Mad-dispożizzjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni mandatorja msemmija hawn fuq, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. L-għotja tista' tingħata biss wara t-tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

Il-pagament tal-ewwel sena allokat mill-Bord t'Evalwazzjoni se jkun ipproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jiżborża l-bqija tal-pagamenti wara li l-benefiċjarju jissottometti r-rapporti rekwiżiti kif speċifikat fil-kuntratt u wara l-approvazzjoni tal-istess rapport.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo binarju li se jkun ipprovdut mill-Eżekuttiv Anzjan tal-Fond fuq kwalunkwe materjal relatat. Il-benefiċjarji huma mitluba li jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat mill-Uffiċju tal-President u l-Kunsill Malti għall-Arti, hekk kif ġej: Dan il-proġett huwa appoġġjat mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika ta' Malta u l-Kunsill Malti għall-Arti, f'kwalunkwe reklamar, PR, u materjal stampat. L-għotja rċevuta trid tintuża biss għall-iskop li tkun ġiet iffinanzjata, f'konformità mal-proposta sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw lill-Kunsill Malti għall-Arti immedjatament jekk bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett iseħħu matul l-implimentazzjoni. Bidliet ma jistgħux jiġu implimentati fl-assenza ta' approvazzjoni. Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriservaw id-dritt li jirrevedu jew li ma jfornux il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx meqjusa bħala f'konformità mal-applikazzjoni inizjali, jew jekk il-Kunsill ma jkunx infurmat bil-bidliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal żjarat minn u komunikazzjoni ma' rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti għal skopijiet ta' moniteraġġ, sija waqt l-implimentazzjoni tal-proġett u sija wara t-tlestija tiegħu.

L-entitajiet ta' finanzjament jirriservaw id-dritt ukoll li jirrevedu l-pagament finali jekk l-ispiża totali tkun inqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1 Rapport

Il-kuntratt se jindika meta se jkun hemm bżonn li jiġi sottomess rapport dettaljat li jelenka x-xogħol imwettaq u l-kisbiet tal-proġett. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell komuni għar-rapporti tiegħek. Flimkien mar-rapport, il-benefiċjarji jridu jissottomettu kopji ta' kwalunkwe reklamar, pubbliċità, jew materjal t'informazzjoni relevanti żviluppat għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jkunu wkoll mitluba jissottomettu evidenza tal-proċess, li jinkludi dokumentazzjoni viżwali, blogs, u dokumentazzjoni oħra.

F'każ t'għotja li ma teċċedix għaxart elef ewro (€10,000), int se tkun mitlub li tippreżenta baġit finali dettaljat flimkien mad-dokumentazzjoni t'appoġġ kollha, inkuż fatturi tal-VAT u/jew irċevuti fiskali.

F'każ li l-għotja tkun ta' minimu ta' għaxart elef ewro (€10,000), il-benefiċjarji jridu jipprovdu spjegazzjoni baġitarja dettaljata u ċertifikata finali. Il-baġit irid jiġi ppreparat f'konformità mal-istandards finanzjarji applikabbli u allinjati ma' dawn il-linji gwida u regolamenti, u jridu jkunu ċċertifikati minn accountant/awditur b'warrant.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jitlob lill-benefiċjarju sabiex jissottometti l-fatturi tal-VAT u/jew l-irċevuti fiskali sabiex jappoġġja l-baġit ċertifikat dettaljat.

Il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Uffiċċju tal-President jirriservaw id-dritt li jagħmlu użu minn materjal sottomess għall-proġett.

Il-Kunsill Malti għall-Arti jirriserva d-dritt li jirkupra kwalunkwe fondi f'każ li dawn mhumiex qed jiġu użati u/jew mhux qed jiġu użati kif suppost u/jew mhux użati skont il-baġit sottomess.

# 8. Proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dan il-linji gwida u regolamenti;

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilment għandu jsir fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar ir-riżultati tiegħek. L-ilment irid isir bil-miktub u jkun indirizzat lill-Kap Ewlieni tal-Operat tal-Finanzjament u l-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Fl-ilment trid tispjega b'mod ċara kif u għala tħoss li d-deċiżjoni fuq il-proġett kienet influwenzata minn irregolaritajiet li seħħew fir-rigward ta' proċeduri stipulati f'dawn ir-regolamenti, jew fir-regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Mal-ilment tiegħek trid tissottometti kull dokumentazzjoni u evidenza ta' sostenn relevanti.

Meta tressaq l-ilment, inti tkun qiegħed tagħti l-kunsens tiegħek sabiex nużaw u naqsmu informazzjoni rispettiva fl-ipproċessar tal-ilment tiegħek.

Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mill-Kap Ewlieni tal-Operat tal-Finanzjament u l-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma bord kompost minn membri tal-Uffiċċju tal-President, il-Kunsill Malti għall-Arti, u d-Direttorat li jirrevedi l-ilment tiegħek. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9. Applikabbiltà tar-regoli fuq għajnuna tal-istat

## 9.1 Regoli tal-għajnuna tal-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-iskema tal-għajnuna tal-istat se tkun implimentata skont il-proviżjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 fuq l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat tal-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' għajnuna de minimis.

Dan ir-regolament japplika għal għajnuna mogħtija lil impriżi f'kull settur, bl-eċċezzjoni ta':

(1) għajnuna mogħtija lil impriża attiva fil-produzzjoni primarja ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura;
(2) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fl-ipproċessar u r-reklamar ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura, fejn l-ammont t'għajnuna huwa fiss abbażi tal-prezz jew kwantità tal-prodotti mixtrija jew poġġuti fis-suq;

(3) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli;
(4) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċ tal-prodotti agrikoli, f'dawn il-każi li ġejjin:

   a) fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew impoġġija fuq is-suq mill-impriżi kkonċernati;
   b) fejn l-għajnuna hija kkundizzjonata mill-fatt li hi parzjalment jew totalment mgħoddija lill-produtturi primarji;
(5) attivitajiet relatati mal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi jew Stati Membri, cioè għajnuna direttament relatata mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbilixximent u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' xi spejjeż attwali relatati mal-attività tal-esportazzjoni;
(6) għajnuna kontinġenti fuq l-użu tal-oġġetti u servizzi domestiċi minflok oġġetti u servizzi impurtati.

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħtija lil impriża unika mhux se jaqbeż l-ammont ta' €300,000 f'perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Il-limitu massimu previst jinkludi wkoll l-għajnuna tal-istat mogħtija taħt din l-iskema kif ukoll kwalunkwe għajnuna tal-istat moħgtija taħt ir-regolament de minimis, inkluż dik irċevuta minn entità oltre mill-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna de minimis irċevuta li teċċedi l-limitazzjoni stabbilita trid tiġi rikoverata, bl-interessi, mill-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli fuq il-kumulazzjoni tal-għajnuna hekk kif deskritti f'Artiklu 5 tar-regolament de minimis se jiġu rispettati.

L-applikanti jridu jissottomettu dikjarazzjoni ta' de minimis li fiha jindikaw kwalunkwe għajnuna de minimis oħra rċevuta u/jew li applikaw għaliha matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin. Din tiżgura li l-ammont ta' għajnuna de minimis mogħti lil kull impriża unika taħt ir-regolament de minimis ma teċċedix il-limitu previst applikabbli ta' de minimis fuq il-medda ta' tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli għal għajnuna de minimis, tali applikant jiġi kkunsidrat bħala ineliġibbli u l-applikant li jmiss fil-lista jiġi magħżul.

F'konformità mar-regolament tal-għajnuna tal-istat de minimis, rikordji fir-rigward ta' għajnuna de minimis iridu jiġu miżmuma għal 10 snin mid-data li l-għajnuna tkun ġiet mogħtija taħt din l-iskema.

# Pubblikazzjoni f'Reġistru Ċentrali

F'konformità mal-Artiklu 6(1) tar-Regolament de minimis, tal-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni fuq għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema se tkun pubblikament disponibbli f'reġistru ċentrali.

L-informazzjoni li ġejja se tkun pubblikament disponibbli:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont t'għajnuna;
- id-data tal-għotja;

- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

## 9.2 Għażla ta' għajnuna mhux tal-istat

Applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għal din l-iskema. Applikazzjonijiet għall-proġetti proposti li ma jagħtux lok għal attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu jiġu wkoll sottomessi għal finanzjament.

Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli mfissra fis-Sezzjoni 9.1 ma jkunux applikabbli.

# Teħtieġ parir?

Aħna nkunu hemm għalik f'kull pass tal-proċess!

It-tim ta' Senserija Kreattiva tagħna jista' jgħinek issib l-appoġġ neċessarju u jipprovdilek parir fuq l-aħjar mod kif se tippjana biex twassal l-applikazzjoni tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

| | |
|---|---|
| Ċemplilna: | +356 2334 7230 |
| Ibgħatilna email: | fundinfo@artscouncil.mt |
| L-uffiċċju tagħna miftuħ: | 09:00–16:00, Tnejn–Ġimgħa (Ħin ta' Malta) |

**Dokument aġġornat fl-14 ta' Mejju 2025**